**Laqgħa Numru 72**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Xewkija**

**IS-SEBA LEĠISLATURA**

**16 ta'Frar 2018**

Il-Kunsill Lokali tax-Xewkija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2, Triq Torri Tingi, Xewkija, Għawdex fil-4.30 ta' filgħaxija. Il-laqgħa bdiet fil-4.40pm.

PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Paul Azzopardi | - Sindku |
| Domenic Zerafa | - Viċi Sindku |
| Hubert Saliba | - Kunsillier |
| Jeanelle Attard | -Kunsilliera |
| George Zammit | -Kunsillier |

ASSENTI B'APOLOĠIJI (skond Ordni Permanenti 14A (3):

n/a

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Marion Attard | - Segretarju Eżekuttiv |

**Minuti**

Is-Sindku Paul Azzopardi ippresieda l-laqgħa.

**72.1 Qari tal-Ittri ta' apoloġiji;**

72.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji mill-Kunsilliera.

**72.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

72.2.1 Il-minuti tal-laqgħa 71 li saru nhar il-Ġimgħa 19 ta' Jannar 2018 ġew approvati unanimament mill-Kunsilliera preżenti u iffirmati mis-Sindku u Segretarju.

**72.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

72.3.1 Is-Sindku kkomunika li kienu għaddejjin il-preparamenti biex toħroġ it-tender tal-mgħoddjiet hekk kif il-Kunsill kien se jigwadanja fuq *Measure 4.3* l-ammont ta' €164,399. Is-segretarju għamlet referenza li l-grant agreement kien għadu ma ġiex iffirmat hekk kif mill-*Management Authority* il-Kunsill kien għadu ma ġiex avviċinat biex jiffirma dan il-ftehim.

72.3.2 Is-Sindku kkomunika rigward l-imejls mibgħuta mis-Sur Budnic u s-Sur Gatt ta' Gatt Tarmac rigward l-pagamenti relatati mal-culvert ta' San Bert. Is-Sindku kkonferma li bħala Kunsill nafu x'inhuma l-partijiet tagħna u li huwa kkomunikat mal-partijiet konċernati li għandhom jirranġaw id-differenzi mingħajr ma jdaħħlu l-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv kellha tibgħat id-dokumenti mitluba fl-Iskrittura li kienet saret f'Mejju 2017 biex b'hekk il-Ministeru t'Għawdex jgħaddi l-ammont miftiehem li jammonta għall-€23,975.44 .

*17.09pm Il-Kunsillier Domenic Zerafa kellhu jitlaq mil-laqgħa wara telefonata li rċieva.*

72.3.3 Is-Sindku kkomunika li rigward il-proġett maħsub ta' l-*Open Gym*. Il-Kunsill kien qed jistenna min-naħa tad-DG tad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni biex tingħata d-data tal-laqgħa li jmiss.

72.3.4 Is-Sindku kkomunika li fil-laqgħa mal-LESA li saret fil-11 ta' Frar 2018 rigward il-*green wardens* kien diskuss li dawn il-*wardens* se jkunu għassa biex iż-żibel jinħareġ kif suppost. Kien diskuss li kellha tintbagħat ittra reġistrata li owners tar-ristoranti u farmhouses li hawn fix-Xewkija biex hekk huma jorganizza ma' kuntratturi ta' l-għażla tagħhom biex jinġabrilhom iż-żibel peress li dawn jaqgħu bħalha *commercials* u mhux *households*.

72.3.5 Is-Sindku kkomunika li s-Sinjura Jacqueline Refalo, cleaner mal-Kunsill kienet talbet biex jitwaqfilha l-kuntratt preżenti. Il-membri tal-Kunsill unanimament qablu max-xewqa tas-Sinjura Refalo waqt li ġie deċisiv li taħdem ix-xahar *notice* kif stipulat fil-kuntratt.

**72.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

72.4.1 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard ilmentat li s-sitwazzjoni ta' żamma ta' toroq mhix dik li jixraq lir-raħal . L-istess Kunsilliera issuġġeriet li r-raħal jibda jinkines mill-ħaddiema tal-CWSC allokati mal-Kunsill hekk kif il-kuntrattur mhux qed jilħaq il-livell mistenni. Il-Kunsillier Hubert Saliba stqarr li anqas il-qalba tar-raħal mhu qed tkun miżmuma kif suppost. Il-membri qablu li

għandha tintbagħat ittra lil kuntrattur biex dan jirranġa minnufih is-servizz offrut u jikkordina aħjar iż-żamma tar-raħal b'mod partikulari minn jaqta' u jiġbor il-ħaxix. Kien ikkomunikat mis-Segretarju Eżekuttiv li f'dan l-istadju peress li kien għadu għaddeh l-appell il-Kunsill ma setax joħroġ tender ġdid. Il-Kunsillier George Zammit issuġerriexxa li rappreżentanti tal-Klabb tal-Futball għandhom jattendu għal-laqgħa li jmiss biex b'hekk jifhmu aħjar xi jrid il-Kunsill minnhom.

72.4.2 Il-Kunsillier Hubert Saliba saqsa jekk kinitx inġiebet stima biex Triq Il-Knisja ssir ukoll mill-porfido. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkomunikat li meta saqsiet lil Perit Shawn Spencer Micallef dan għarrafha li din tiġi tiswa ħafna aktar minn dak li kien allokat min-naħa tal-Ministeru u wieħed ried jieħu inkonsiderazzjoni li hemm l-ispiża tal-culvert li kellha toħroġ ukollmill-Kunsill.

**72.5 Approvazzjoni ta' Rapporti:**

72.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat il-Quartely Report tal-perjodu bejn Ottubru u Diċembru. Dawn ġew approvati mill-membri tal-Kunsill.

72.5.2 L-unaudited Financial Statements għas-sena 2017 ġew preżentati fuq il-mejda tal-Kunsill u diskussa. Il-Kunsill approva l-unaudited financial accounts u dawn ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

72.5.3 L-Annual Budget 2018 ġie preżentat u diskuss mis-Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsill approva l-budget preparat.

**72.6 Ix-xogħol fuq Triq Santa Teodora**

72.6.1 Ix-xogħol ta' *Resurfacing* fuq Triq Santa Teodora kien beda. Sfortunatament il-kuntrattur sab dislivell u anke kien hemm problema fis-sistema tad-drenaġġ li kienu ħa jvarjaw l-ispiża ta' din it-triq.

**72.7 Triq Il-Knisja**

72.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ikkomunikat li l-Ministeru kien qed isaqsi kif it-tender ta' Triq Il-Knisja kien għadu ma ħariġx. Dan peress li l-Perit għadu għaddej bil-preparamenti tal-BOQ il-ġdida li tkopri anke l-culverts wara li kien iċċekjat li l-culverts jistgħu jitfgħu għal fejn Ta' Saminu fi Triq Il-Ħamrija. Stima tax-xogħlijiet min-naħa tal-Water Service Corporation kienet intalbet ukoll biex kollox joħroġ f'tender wieħed imma din għada ma ntbagħtix min-naħa tal-Water Service Corporation

*17.58 Jeanelle skużata mil-laqgħa.*

**72.8 Korrispondenza u Materji Oħra**

72.8.1 Korrispondenza bl-approvazjoni tad-Direttur għal-bonuses tas-Segretarju Eżekuttiv kif ukoll l-Aġenti Segretarji Eżekuttivi fis-sena 2017.

72.8.2 Contracts Circular 02/2018 – Exclusion criteria – Notice to Evaluation Committees fejn iċ-Ċirkulari ssemmi li George-Oliver Schembri u Donald Camilleri ma jistgħux jitfgħu tenders wara l-kawża li nqatgħet.

72.8.3 Imejl mill-Ministeru għal Għawdex biex isir patching fi Triq Il-Madonna tar-Rummiena, Triq Lambert u Triq Ir-Rotunda. Il-membri qablu li patching għandu jsir mar-raħal kollhu.

72.8.4 *Cir AKL 2018/015 - MEUSEC u Playing Fields* fejn l-AKL qed tistieden lil Kunsill li għandhom playing fields magħluqa jew li ma jistgħux jintużaw imħabba l-istat ħażin tagħhom jibaghtu rapport lil istess assoċjazzjoni. Il-membri tal-Kunsill qablu li s-Segretarju Eżekttiv kellha tipprepara r-rapport mitlub fuq il-*Playing Field* li jinsab fl-area Ta' Ġokk.

72.8.5 *Cir AKL 2018/014 - WiFi4EU Sejħa għall-Kunsilli Lokali.* Il-membri tal-Kunsill inota l-kontenut.

72.8.6 P&SD Circular No.1/2018, rigward 'Social Assistance Secretariat 'Week of Sacrifice'' maħruġha fit-13th February 2018.

72.8.7 Imejl mis-Sra Angele Saliba fi ħdan DTED, MGoz biex il-Kunsill jgħaddi l-proposta tiegħu għal avveniment li jista' jittella f'*Gozo Alive* li se jittella' f'Mejju li ġej fejn kull Kunsill għandu ċ-ċans li jdaħħal avveniment li jippromwovi l-kultura. Il-membri qablu li tkun ħaġa sabiħa li x-Xewkija jipparteċipa ukoll.

72.8.8 Cir AKL 2018/017 - Added value of transnational cooperation fejn kopja ta' rapport maħruġ mill-Kummisjoni Ewropeja bit-titlu *'10 Things to Know About Transnational Cooperation'* ġiet annessa ma' l-istess imejl. Il-membri nnutaw il-kontenut.

72.8.9 Cir AKL 2018/016 - Rapport- Sindki u Presidenti Reġjonali li se jiġi diskuss fil-laqgħa tas-Sindki u Viċi-Sindki li ser isir fl-24 ta' Marzu 2018

72.8.10 Talba mis-Sinjura Sylvana Rapa biex isir l-parti ta' ġewwa ta' Triq L-Arċipriet Ġużepp Grech. Il-membri tal-Kunsill unanimament qablu li t-talba tas-Sinjura Rapa kellha titmexxa lil Ministeru t'Għawdex peress li din hi triq ġdida u ma taqax taħt il-kompitu tal-Kunsill.

72.8.11 Ilment minn persuna li xtaqet tibqa' anomima dwar l-istat ħażin tal-bandli u minħabba li hemm nuqqas ta' bandlu għat-tfal iż-żgħar. Il-Kunsill qabel li dramment min kien imqabbad jagħmel l-assessment baqa' m'għamlux, s-Segretarju kellha tagħmel kuntatti ma' kumpaniji oħrajn.

72.9.12 Ilment rigward l-ewwel parti tat-Triq Imġarr Ix-Xini. Is-Segretarju kkomunikat li meta ċċekjat mal-Ministeru jidher li din kellha ssir min-naħa tal-Ministeru.

72.9.13 Talba mill-Klabb tal-Futbal biex il-Kunsill jikkoloborra fil-bini tal-gym u s-sala. Il-membri preżenti qablu li jikkoloborraw peress li l-klabb tax-Xewkija Tigers hi għaqda importanti fil-lokalita' fejn trawwem lit-tfal u l-addolexxenti. Għandu jintalab li jsir Memorandum of Understanding fejn il-Kunsill jgħin fil-bini bis-somma ta' €10,000 u l-Kunsill ikun jista' jagħmel użu mis-sala u l-gym.

**72.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

72.13.1 Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

**72.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

72.14.1 Il-laqgħa ntemmet fis-18.31pm. Il-Kunsilliera qablu unanimament li s-seduta li jmiss tal-Kunsill għandha ssir nhar il-Ġimgħa 16 ta' Marzu fl-4.30pm.

Konfermati, illum 16 ta' Marzu 2018

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Paul Azzopardi | Marion Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |